SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

19 ta' Diċembru 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Regolament (KE) Nru 510/2006 – Artikolu 4(2)(e) – Regolament (UE) Nru 1151/2012 – Artikolu 7(1)(e) – Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' oriġini – Talba għal emenda tal-ispeċifikazzjoni – Perżut mir-reġjun fil-Foresta s-Sewda, il-Ġermanja (Schwarzwälder Schinken) – Klawżoli ta' ppakkjar fir-reġjun ta' produzzjoni – Applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 jew tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012"

Fil-Kawża C-367/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundespatentgericht (il-Qorti Federali tal-Privattivi, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2017, fil-proċedura

S

vs

EA,

EB,

EC,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, Viċi President, li qed taġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. G. Fernlund u S. Rodin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: C. Strömholm, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Mejju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal S, minn J. Schwarze u U. Gruler, Rechtsanwalt,

– għal EC, minn K. Sandberg u V. Schoene, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Eggers kif ukoll minn B. Hofstötter, I. Naglis u D. Bianchi, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 213), kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn S., li hija assoċjazzjoni, minn naħa, u EA, EB u EC min-naħa l-oħra, dwar deċiżjoni li permezz tagħha d-Deutsches Patent- und Markenamt (l-Uffiċċju Ġermaniż tal-Privattivi u tat-Trade Marks, iktar 'il quddiem id-"DPMA") ċaħad it-talba ta' S. intiża għal emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta (iktar 'il quddiem l-"IĠP") tat-tip "Schwarzwälder Schinken" (perżut tal-Foresta s-Sewda), sa fejn din il-bidla tirrigwarda l-indikazzjonijiet dwar il-qtugħ u l-imballaġġ.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament Nru 510/2006 jipprovdi:

"L-ispeċifikazzjoni ta' prodott għandha tinkludi mill-inqas:

[…]

e) deskrizzjoni tal-metodu ta' kif jinkiseb il-prodott agrikolu jew l-oġġett ta' l-ikel u, jekk xieraq, il-metodi lokali awtentiċi u li ma jinbidlux kif ukoll informazzjoni rigward l-ippakkjar, jekk il-grupp applikant fis-sens ta' l-Artikolu 5(1) jiddetermina hekk u jagħti raġunijiet għalfejn l-ippakkjar għandu jsir fiż-żona ġeografika definita biex tiġi ssalvagwardjata l-kwalità jew biex tiġi żgurata l-oriġini jew il-kontroll".

4 L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament jipprovdu:

"Grupp wieħed biss għandu jkun intitolat li japplika għal reġistrazzjoni.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "grupp" tfisser kwalunkwe assoċjazzjoni ta' produtturi jew ta' dawk li jipproċessaw, li jittrattaw l-istess prodott agrikolu jew oġġett ta' l-ikel, irrispettivament mill-forma legali jew mill-kompożizzjoni tiegħu. Partijiet interessati oħrajn jistgħu jipparteċipaw fil-grupp. Persuna fiżika jew ġuridika tista' tiġi ttrattata bħala grupp skond ir-regoli dettaljati msemmijin fl-Artikolu 16(ċ)."

5 L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2006 tal-14 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 510/2006 (ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 364), jipprovdi:

"Jekk il-grupp applikant jiddetermina fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li l-ippakkjar tal-prodott agrikolu jew ta' l-ikel kif imsemmi f'punt (e) ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 għandu jitwettaq fiż-żona ġeografika definita, għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet, speċifiċi għall-prodott, għal tali restrizzjonijiet fuq il-moviment ħieles ta' l-oġġetti u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi."

6 Ir-Regolament Nru 510/2006 ġie mħassar u ssostitwit, b'effett mit-3 ta' Jannar 2013, bir-Regolament Nru 1151/2012.

7 L-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012 jipprovdi kif ġej:

"Denominazzjoni protetta tal-oriġini jew [IĠP], għandha tkun konformi ma' speċifikazzjoni li għandu jkun fiha mill-inqas:

[…]

e) deskrizzjoni tal-metodu kif jinkiseb il-prodott u, fejn ikun opportun, tal-metodi lokali awtentiċi u li ma jinbidlux kif ukoll informazzjoni dwar l-ippakkjar, jekk il-grupp applikant jiddetermina hekk u jagħti ġustifikazzjoni suffiċjenti speċifika għall-prodott għaliex l-ippakkjar ikun irid isir fiż-żona ġeografika ddefinita biex tiġi salvagwardata l-kwalità, biex tkun żgurata l-oriġini jew ikun żgurat il-kontroll, b'kont meħud tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari dik dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u l-forniment liberu tas-servizzi".

Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Fuq talba ta' S, id-deskrizzjoni tat-tip "Schwarzwälder Schinken" hija rreġistrata mill-25 ta' Jannar 1997 bħala IĠP.

9 Fit-talba tiegħu tat-23 ta' Marzu 2005, S talab, quddiem id-DPMA, sensiela ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-IĠP "Schwarzwälder Schinken", skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 tal-Kunsill, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4).

10 Għall-finijiet tal-eżami ta' din it-talba ta' emenda, it-taqsima trade marks 3.2 tad-DPMA ġabret opinjonijiet minn korpi speċjalizzati u kkonċernati.

11 Wara li l-opinjonijiet inkwistjoni ġew irċevuti, permezz ta' nota tat-13 ta' Frar 2007, li waslet għand id-DPMA fil-15 ta' Frar 2007, S, li ħa inkunsiderazzjoni dawn l-opinjonijiet, ressaq talba ġdida għal emenda tal-ispeċifikazzjoni.

12 Ġew ippreżentati tliet oppożizzjonijiet kontra din it-talba, fosthom waħda minn EC, li ppreżenta osservazzjonijiet f'din il-proċedura. EC huwa bejjiegħ bl-imnut kbir ta' prodotti tal-laħam li bħalissa jwettaq il-qtugħ u l-ippakkjar tas-"Schwarzwälder Schinken" barra mir-reġjun ta' produzzjoni.

13 Permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2008, id-DPMA ċaħad it-talba għal emenda tal-ispeċifikazzjoni sa fejn din tirrigwarda l-indikazzjonijiet dwar il-qtugħ u l-ippakkjar, peress li din it-talba ma kinitx tosserva d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 510/2006.

14 S ippreżenta rikors intiż għar-riforma tal-parti tad-deċiżjoni tad-DPMA li tiċħad l-imsemmija talba għal emenda.

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2011, il-Bundespatentgericht (il-Qorti Federali tal-Privattivi, il-Ġermanja) annullat id-deċiżjoni tad-DPMA u ddeċidiet li t-talba għal emenda tal-ispeċifikazzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament 510/2006.

16 EC appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja).

17 Permezz ta' digriet tat-3 ta' April 2014, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) annullat id-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju tat-13 ta' Ottubru 2011, u rrinvijat il-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju.

18 Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Federali tal-Privattivi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1) Id-deċiżjoni dwar talba, imressqa fil-15 ta' Frar 2007 lill-awtorità nazzjonali kompetenti – f'dan il-każ id-[DPMA] –, dwar bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' indikazzjoni ġeografika protetta fis-sens li l-qtugħ u l-imballaġġ tal-prodott – f'dan il-każ il-Schwarzwälder Schinken – jistgħu jseħħu biss fir-reġjun ta' produzzjoni għandha tingħata abbażi tar-Regolament Nru 510/2006 fis-seħħ fid-data tat-tressiq tat-talba jew fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1151/2012 fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni?

2) Fl-ipoteżi fejn id-deċiżjoni għandha tingħata fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1151/2012 attwalment fis-seħħ:

2.1 a) Iċ-ċirkustanza li trasport inadegwat tal-prodott bl-iskop tal-ipproċessar (qtugħ u imballaġġ) f'reġjuni oħra jista' jkollu effett dannuż fuq it-togħma awtentika, il-kwalità awtentika u l-konservazzjoni tikkostitwixxi, mill-perspettiva tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott, argument speċifiku għall-prodott li jiġġustifika b'mod sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012 li l-qtugħ u l-imballaġġ jistgħu jseħħu biss fir-reġjun ta' produzzjoni?

b) Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-qtugħ u tal-imballaġġ previsti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt li ma jmorrux lil hinn mill-kriterji fis-seħħ fil-qasam ta' iġjene alimentari jikkostitwixxu, mill-perspettiva tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott, argument speċifiku għall-prodott li jiġġustifika b'mod mod sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012 li l-qtugħ u l-imballaġġ jistgħu jseħħu biss fir-reġjun ta' produzzjoni?

2.2 a) Il-fatt li l-kontrolli (tal-produtturi) li għalhekk ser ikunu possibbli f'dan ir-rigward fir-reġjun ta' produzzjoni [Artikolu 7(1)(g) flimkien mal-Artikolu 36(3)(a) u l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1151/2012] joffru intensità ta' kontroll ogħla u, b'mod ġenerali, garanzija aħjar milli l-kontrolli (tal-abbużi) fis-sens tal-Artikolu 36(3)(b) flimkien mal-Artikolu [38] tar-Regolament Nru 1151/2012 jista' bħala prinċipju jitqies bħala argument speċifiku għall-prodott li jiġġustifika b'mod sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012 id-dispożizzjoni prevista mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' indikazzjoni ġeografika protetta, li skont din il-qtugħ u l-imballaġġ jistgħu jseħħu biss fir-reġjun ta' produzzjoni?

b) Fil-każ fejn tingħata risposta negattiva għad-domanda 2.2 a):

Evalwazzjoni oħra tkun iġġustifikata meta l-prodott huwa prodott li t-talba għalih hija tant kbira fil-livell interreġjonali li, fil-parti l-kbira, jinqata' u jiġi suġġett għal imballaġġ barra mir-reġjun ta' produzzjoni, inkluż meta każijiet konkreti ta' użu frawdolenti, fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, tal-indikazzjoni ġeografika protetta sal-lum ma ġewx ikkonstatati?

2.3 Il-fatt li, jekk dan ma jseħħx, it-traċċabbiltà tal-prodott ipproċessat ma hijex assigurata b'mod ċert jista' jitqies bħala argument speċifiku għall-prodott li jiġġustifika b'mod sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012 dispożizzjoni prevista fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' indikazzjoni ġeografika protetta li skont din il-qtugħ u l-imballaġġ jistgħu jseħħu biss fir-reġjun ta' produzzjoni?

F'dan il-kuntest, għandha importanza ċ-ċirkustanza li

a) skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463)] flimkien mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011, tad-19 ta' Settembru 2011, dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali [(ĠU 2011, L 242, p. 2)] it-traċċabbiltà tal-ikel, b'mod partikolari dak li joriġina mill-annimali, għandha tiġi żgurata;

b) it-traċċabbiltà tal-prodott għandha tiġi żgurata permezz tal-parteċipazzjoni ta' dawk li jipproċessaw il-prodott f'sistemi privati ta' sigurtà, legalment volontarji, iżda fil-prattika obbligatorji?

2.4 Fil-faż fejn tingħata risposta affermattiva għal waħda mid-domandi 2.1 sa 2.3:

Jista' jew għandu, ikun previst mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' indikazzjoni ġeografika protetta, inkwantu mezz inqas vinkolanti meta pparagunat maċ-ċaqliq lura obbligatorju tal-qtugħ u tal-imballaġġ fir-reġjun ta' produzzjoni, li dawk li jipproċessaw il-prodott stabbiliti barra mir-reġjun ta' produzzjoni għandhom jissottomettu ruħhom f'dan ir-rigward għal kontroll mill-awtoritajiet u mill-organi kompetenti għall-kontrolli fir-reġjun ta' produzzjoni skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt [Artikolu 7(1)(g) tar-Regolament Nru 1151/2012]?

3) Fil-każ fejn id-deċiżjoni għandha tittieħed fuq il-bażi tar-Regolament Nru 510/2006 (ara d-domanda 1), il-qorti tar-rinviju titlob li tingħata risposta għad-domandi magħmula fil-punt 2 abbażi ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari tal-Artikolu 4(2)(e) tiegħu flimkien mal-Artikolu 8 u mal-premessa 8 tar-Regolament [Nru 1898/2006]."

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

19 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-deċiżjoni dwar talba għal emenda fl-ispeċifikazzjoni ta' IĠP, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhiex tiġi rregolata mill-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament Nru 510/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1898/2006, fis-seħħ fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni jew mill-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012, fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tali deċiżjoni. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

20 Permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament Nru 510/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1898/2006, u mal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li r-rekwiżit tal-ippakkjar ta' prodott iċċertifikat permezz ta' IĠP, bħas-"Schwarzwälder Schinken", fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni tiegħu huwa ġġustifikat, b'mod

konformi mal-imsemmi Artikolu 4(2)(e), jekk dan ikollu bħala skop il-prevenzjoni tar-riskju li t-trasport, il-qtugħ jew l-ippakkjar barra minn din iż-żona joħolqu lill-kwalità tal-prodott, li jiżgura l-ogħla effettività tal-kontrolli fiż-żona inkwistjoni u sabiex jiżgura li t-traċċabbiltà tal-prodott, meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Ewropea, tkun protetta aħjar.

21 L-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament Nru 510/2006 jipprovdi li l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott jinkludu "informazzjoni rigward l-ippakkjar, jekk il-grupp applikant […] jiddetermina hekk u jagħti raġunijiet għalfejn l-ippakkjar għandu jsir fiż-żona ġeografika definita biex tiġi ssalvagwardjata l-kwalità jew biex tiġi żgurata l-oriġini jew il-kontroll" u l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1898/2006 jipprovdi li "[j]ekk il-grupp applikant jiddetermina fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li l-ippakkjar tal-prodott agrikolu jew ta' l-ikel kif imsemmi f'punt (e) ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 għandu jitwettaq fiż-żona ġeografika definita, għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet, speċifiċi għall-prodott, għal tali restrizzjonijiet fuq il-moviment ħieles ta' l-oġġetti u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi."

22 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012, l-ispeċifikazzjonijiet tal-IĠP għandu jkollhom "informazzjoni dwar l-ippakkjar, jekk il-grupp applikant jiddetermina hekk u jagħti ġustifikazzjoni suffiċjenti speċifika għall-prodott għaliex l-ippakkjar ikun irid isir fiż-żona ġeografika ddefinita biex tiġi salvagwardata l-kwalità, biex tkun żgurata l-oriġini jew ikun żgurat il-kontroll, b'kont meħud tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari dik dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u l-forniment liberu tas-servizzi".

23 Skont id-dispożizzjonijiet imsemmija, ir-rekwiżit ta' ippakkjar f'żona ġeografika delimitata ta' prodott kopert b'IĠP għandu jkollha l-għan li tipproteġi l-kwalità, li tiggarantixxi l-oriġini jew li tiżgura l-kontroll ta' dak il-prodott.

24 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni timmanifesta tendenza ġenerali li tiżdied il-kwalità tal-prodotti fil-kuntest tal-politika agrikola komuni, sabiex tiżdied ir-reputazzjoni tal-imsemmija prodotti, b'mod partikolari, permezz tal-użu ta' denominazzjonijiet tal-oriġini li jgawdu minn protezzjoni partikolari. Din tfittex ukoll li tissodisfa l-istennija tal-konsumaturi fil-qasam ta' prodotti ta' kwalità u ta' oriġini ġeografika ċerta kif ukoll li tiffaċilita l-kisba mill-produtturi, f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali, ta' dħul aħjar minħabba sforz kwalitattiv reali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Kakavetsos-Fragkopoulos, C-161/09, EU:C:2011:110, punt 34).

25 Barra minn hekk, speċifikazzjoni tal-prodott li tissuġġetta l-għoti tal-IĠP b'mod partikolari għat-twettiq tal-qtugħ u tal-ippakkjar ta' perżut fir-reġjun ta' produzzjoni tfittex li tippermetti lill-benefiċjarji ta' din l-IĠP li jżommu l-kontroll fuq wieħed mill-modi ta' preżentazzjoni ta' dan il-prodott fis-suq. Din il-kundizzjoni stabbilita minnha għandha l-għan li tissalvagwarda aħjar il-kwalità u l-awtentiċità tal-prodott, kif ukoll, konsegwentement, ir-reputazzjoni tal-IĠP, li għaliha l-benefiċjarji tagħha jassumu r-responsabbiltà sħiħa u kollettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, C-108/01, EU:C:2003:296, punt 65).

26 F'dan il-kuntest, kundizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha titqies li hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, minkejja l-effetti restrittivi tagħha fuq il-kummerċ, jekk jintwera li hija tikkostitwixxi mezz neċessarju u proporzjonat ta' natura li tissalvagwardja l-kwalità tal-prodott inkwistjoni, li tiggarantixxi l-oriġini jew li tiżgura l-kontroll tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din l-IĠP (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, C-108/01, EU:C:2003:296, punt 66).

27 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, f'dak li jikkonċerna r-riskju ta' effett ħażin fuq il-kwalità tal-prodott minħabba trasport mhux adattat, kemm jekk dan ir-riskju jikkonċerna lil kull prodott ikkummerċjalizzat b'IĠP jew le u li l-ebda speċifikazzjoni dwar it-trasport li tista' tevita l-eventwali effetti ħżiena fuq dan il-prodott ma tressqet minn S.

28 F'dan ir-rigward, sa fejn l-għan tar-rekwiżit li l-ippakkjar isir f'żona ġeografika delimitata ta' prodott b'IĠP huwa, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-kwalità ta' dan il-prodott, għandu jiġi kkonstatat li dan ir-rekwiżit huwa rilevanti biss jekk l-ippakkjar barra miż-żona ġeografika tal-produzzjoni tal-imsemmi prodott joħloq riskji għola għall-kwalità ta' dan l-istess prodott u mhux jekk prodotti oħra simili jiffaċċjaw l-istess riskju.

29 Barra minn hekk, il-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet imressqa minn S li jikkonċernaw il-qtugħ u l-ippakkjar huma kemm normali fil-kummerċ tal-perżut, kif ukoll ma jmorrux lil hinn mill-kriterji eżistenti fil-qasam tal-iġjene alimentari la jikkonferma u lanqas jeskludi, bħala tali, il-ħolqien ta' riskji ikbar f'każ ta' ppakkjar barra miż-żona ta' produzzjoni ta' prodott iċċertifikat minn IĠP.

30 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-fatt li fid-deċiżjonijiet ta' reġistrazzjoni tagħha l-Kummissjoni Ewropea diġà aċċettat argumenti simili fir-rigward ta' prodotti simili, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju ma hijiex obbligata tevalwa jekk l-argumenti ppreżentati jiġġustifikawx l-ippakkjar f'żona ġeografika delimitata tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl ta' allegata prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni.

31 Fir-rigward tal-għan li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodott, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li dan l-argument ġie invokat minn S b'mod ġenerali, mingħajr ebda ġustifikazzjoni iktar dettaljata, u li, konsegwentement, ma ġiex ipprovat li l-ippakkjar fiż-żona ġeografika ta' produzzjoni huwa neċessarju sabiex jiggarantixxi l-oriġini tal-prodott.

32 Finalment, f'dak li jikkonċerna l-għan li jiġi żgurat kontroll effettiv tal-osservanza tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, S isostni li l-effettività tal-kontrolli hija b'mod ġenerali ikbar fiż-żona ġeografika ta' produzzjoni meta prodott, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġi, fil-biċċa l-kbira, ikkummerċjalizzat barra miż-żona ġeografika msemmija.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (C-108/01, EU:C:2003:296, punti 69, 74 u 75), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li fiċ-ċirkustanzi fejn l-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) tal-prodott inkwistjoni f'din il-kawża jistabbilixxi l-istadji differenti tal-qtugħ u tal-ippakkjar li jagħtu lok għal interventi tekniċi u ta' kontroll preċiżi ħafna, li jirrigwardaw l-awtentiċità, il-kwalità, l-iġjene u t-tikkettar, li xi wħud minnhom jirrikjedu evalwazzjonijiet speċjalizzati, kontrolli mwettqa barra mir-reġjun ta' produzzjoni jagħtu inqas garanziji għall-kwalità u għall-awtentiċità ta' dan il-prodott minn dawk imwettqa fir-reġjun ta' produzzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet.

34 Dan huwa b'mod partikolari l-każ jekk l-ispeċifikazzjoni talloka t-twettiq ta' kontrolli dettaljati u sistematiċi lil professjonisti li għandhom konoxxenza speċjalizzata tal-karatteristiċi tal-prodotti inkwistjoni u li, għalhekk, huwa diffiċilment previst li dawk il-kontrolli jiġu stabbiliti b'mod effettiv fl-Istati Membri l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, C-108/01, EU:C:2003:296, punt 75).

35 F'dan il-każ, anki jekk l-ispeċifikazzjoni tal-prodott irreġistrat taħt l-IĠP "Schwarzwälder Schinken" fiha speċifikazzjonijiet li għandhom jiġu segwiti waqt il-qtugħ u l-ippakkjar ta' dan il-prodott u jekk dan huwa, fil-biċċa l-kbira, ikkummerċjalizzat barra miż-żona ġeografika ta' produzzjoni, dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jitqiesu mill-qorti tar-rinviju bħala normali fil-kummerċ tal-perżut jew li ma jmorrux lil hinn mill-kriterji fis-seħħ fil-qasam tal-iġjene alimentari.

36 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament Nru 510/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1898/2006, u mal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Nru 1151/2012, għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-rekwiżit tal-ippakkjar ta' prodott iċċertifikat permezz ta' IĠP fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni tiegħu huwa ġġustifikat, b'mod konformi mal-imsemmi Artikolu 4(2)(e), jekk dan ikun jikkostitwixxi mezz neċessarju u proporzjonat għas-salvagwardja tal-kwalità tal-prodott, biex jiggarantixxi l-oriġini tiegħu jew biex jiżgura l-kontroll

tal-ispeċifikazzjoni tal-IĠP. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan ir-rekwiżit huwiex iġġustifikat minn wieħed mill-għanijiet imsemmija iktar ’il fuq, fir-rigward tal-IĠP “Schwarzwälder Schinken”.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(2)(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, moqri flimkien mal-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2006 tal-14 ta’ Diċembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 510/2006, u mal-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-rekwiżit tal-ippakkjar ta’ prodott iċċertifikat permezz ta’ indikazzjoni ġeografika protetta fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni tiegħu ikun iġġustifikat, b’mod konformi mal-imsemmi Artikolu 4(2)(e), jekk dan ikun jikkostitwixxi mezz neċessarju u proporzjonat għas-salvagwardja tal-kwalità tal-prodott, biex jiggarantixxi l-oriġini tiegħu jew biex jiżgura l-kontroll tal-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan ir-rekwiżit huwiex iġġustifikat minn wieħed mill-għanijiet imsemmija iktar ’il fuq, fir-rigward tal-IĠP “Schwarzwälder Schinken”.

Firem